Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Jannar 2018**
**(OR. en)**

**15858/17**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0287 (NLE)**

**PECHE 537**

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 |

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/…**

**ta' ...**

**li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018**
**għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut,**
**applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni,**
**f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni,**
**u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jistipula li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, irid jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jitlob li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inklużi, fejn ikunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u minn korpi konsultattivi oħra, kif ukoll fid-dawl ta' kwalunkwe parir li jasal mingħand il-Kunsilli Konsultattivi.

(3) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kundizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif ikun jixraq. F'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd skont l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 16(1) ta' dak ir-Regolament, l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu allokati lill-Istati Membri b'mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk tal-ħut jew għal kull attività tas-sajd.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(4) Għalhekk, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) jenħtieġ li jiġu stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fil-laqgħat tal-Kunsilli Konsultattivi.

(5) L-obbligu tal-ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jiġi introdott abbażi ta' kull attività individwali tas-sajd. Fir-reġjun kopert b'dan ir-Regolament, meta żona tas-sajd taqa' taħt l-obbligu tal-ħatt l-art, l-ispeċijiet kollha f'dak is-sajd suġġett għal limiti tal-qabdiet jenħtieġ li jinħattu l-art. Mill-1 ta' Jannar 2016, l-obbligu tal-ħatt l-art japplika għall-ispeċijiet li jiddefinixxu l-attività tas-sajd. L-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistipula li, meta jiddaħħal l-obbligu tal-ħatt l-art fir-rigward ta' stokk tal-ħut, l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu stabbiliti billi titqies il-bidla li jkun hemm minn meta l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti biex jirriflettu l-ħatt l-art għal meta jiġu stabbiliti biex jirriflettu l-qabdiet. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet konġunti li ġew ippreżentati mill-Istati Membri u skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni adottat għadd ta' Regolamenti delegati li jistabbilixxu pjanijiet speċifiċi ta' skartar tal-ħut applikabbli fuq bażi temporanja għal perijodu massimu ta' tliet snin, bi tħejjija għall-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu tal-ħatt l-art.

(6) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet ta' speċijiet li jaqgħu taħt l-obbligu tal-ħatt l-art mill-1 ta' Jannar 2018 jikkumpensaw għall-iskartar li kien isir qabel u li jkunu bbażati fuq tagħrif u parir xjentifiku. Sabiex jiġi żgurat kumpens ġust għall-ħut li preċedentement kien jiġi skartat u li mill-1 ta' Jannar 2018 ser ikollu jinħatt l-art, jenħtieġ li tiġi kkalkulata żieda supplimentari skont il-metodoloġija li ġejja: iċ-ċifra l-ġdida għall-ħatt l-art jenħtieġ li tiġi kkalkulata billi miċ-ċifra tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) tal-qabdiet totali jitnaqqsu l-ammonti li ser ikomplu jiġu skartati meta jitħaddem l-obbligu ta' ħatt l-art; żieda applikata għaċ-ċifra tat-TAC jenħtieġ li tkun proporzjonali mal-bidla bejn iċ-ċifra l-ġdida kkalkulata għall-ħatt l-art u ċ-ċifra preċedenti tal-ICES għall-ħatt l-art.

(7) Skont il-parir xjentifiku, l-ispnotta Ewropea (*Dicentrarchus labrax*) fil-Baħar Ċeltiku, fil-Fliegu Ingliż, fil-Baħar Irlandiż u fin-naħa tan-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 4b, 4c u 7a, 7d–7h tal-ICES) tinsab f'qagħda mwiegħra u l-istokk tagħha qiegħed ikompli jonqos aktar, minkejja l-miżuri meħuda fis-snin preċedenti. Dawk il-miżuri ma wasslux għat-tnaqqis mixtieq fil-mortalità mis-sajd kummerċjali (-17 % biss minflok -50% mistenni). Il-mortalità tas-sajd rikreattiv fuq l-istokk tat-Tramuntana issa hija kkunsidrata bħala aktar sinifikanti milli kkalkulata preċedentement u hija stmata li fl-2016 qabżet dik minn sorsi kummerċjali. Dik tinkludi wkoll sorsi wara r-rilaxx ta' mortalità. Għalhekk, il-mortalità mis-sajd għall-istokk tat-Tramuntana għandu jitnaqqas b'mod sinifikanti sabiex ikun hemm żieda żgħira tal-bijomassa.

(8) Sabiex jittaffa l-impatt soċjali u ekonomiku tal-miżura ta' hawn fuq, sajd limitat b'ċertu rkaptu biss seta' jkun permess, filwaqt li jiġi pprovdut għal għeluq ta' xahrejn għall-protezzjoni tal-ġlejjeb riproduttivi. Filwaqt li jista' jkun hemm ċerti qabdiet aċċessorji inevitabbli minn tipi oħra ta' rkapti tas-sajd, l-istatus tal-istokk huwa tant gravi li mhux possibbli li l-qabdiet aċċessorji kollha jitħallew jinħattu l-art, u kull inkontru mal-istokk għandha tiġi evitata. Barra minn hekk, ser ikun hemm bżonn ta' aktar restrizzjonijiet fuq is-sajd rikreattiv, bis-sajd ta' qbid u rilaxx biss permess matul is-sena kollha. Filwaqt li jittieħed kont tal-parir tal-ICES biex titkompla titnaqqas il-pressjoni tas-sajd fuq l-istokk tal-ispnott Ewropew fil-Golf ta' Biscay, għandu jiġi ffissat ukoll limitu aktar baxx tal-qabda ta' kuljum għas-sajd rikreattiv f'dik iż-żona.

(9) Fir-rigward tal-istokk tas-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*), l-ICES ta parir li l-mortalitajiet antropoġeniċi kollha jitnaqqsu sa żero, jew jinżammu kemm jista' jkun qrib iż-żero. Fid-dawl ta' dak il-parir, huwa xieraq li tiġi stabbilita projbizzjoni temporanja tas-sajd għas-sallura Ewropea ta' tul totali ta' 12-il cm jew itwal fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona ICES inkluż fil-Baħar Baltiku, biex jitħares il-ħut riproduttiv matul il-migrazzjoni tagħhom.

(10) Għal xi snin, ċerti TACs għall-istokkijiet tal-elażmobranki (rebekkini, klieb il-baħar, raj) ġew stabbiliti għal żero, b'dispożizzjoni relatata li tistabbilixxi obbligu li l-qabdiet inċidentali jinħelsu minnufih. Ir-raġuni għal dak it-trattament speċifiku hija li l-istat ta' konservazzjoni ta' dawk l-istokkijiet huwa ħażin u, minħabba r-rati għolja ta' sopravivenza tagħhom, il-ħut skartat mhux ser iżidilhom ir-rati tal-mortalità mis-sajd; iżda jitqies bħala pożittiv għall-konservazzjoni ta' dawk l-ispeċijiet. Madankollu, mill-1 ta' Jannar 2015, il-qabdiet ta' dawk l-ispeċijiet fis-sajd pelaġiku jridu jinħattu l-art, sakemm dawn ma jkunux koperti minn kwalunkwe waħda mid-derogi mill-obbligu tal-ħatt l-art previsti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. L-Artikolu 15(4)(a) ta' dak ir-Regolament jippermetti derogi bħal dawn għall-ispeċijiet li għalihom is-sajd huwa pprojbit u li huma identifikati bħala tali f'att legali tal-Unjoni li ġie adottat fil-qasam tal-PKS. Għalhekk, jixraq li jiġi pprojbit is-sajd għal dawk l-ispeċijiet fiż-żoni kkonċernati.

(11) Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għall-istokkijiet li huma soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, it-TACs jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mar-regoli stipulati f'dawk il-pjanijiet. B'konsegwenza ta' dan, it-TACs għall-istokkijiet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent, tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana u tat-tonna fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran jenħtieġ li jiġu stabbiliti skont ir-regoli stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 509/2007[1], (KE) Nru 676/2007[2] u (UE) 2016/1627[3]. L-objettiv għall-istokk tal-merluzz tan-Nofsinhar kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005[4] hu li terġa' tinbena l-bijomassa tal-istokkijiet ikkonċernati fi ħdan limiti bijoloġiċi sikuri, filwaqt li jkun hemm konformità mad-data xjentifika. F'konformità mal-parir xjentifiku, fin-nuqqas ta' data definittiva dwar il-bijomassa tal-istokk tal-ġlejjeb produttivi fil-mira u filwaqt li jittieħed kont tal-limiti bijoloġiċi sikuri, hu xieraq li, sabiex wieħed jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, it-TAC tiġi ffissata abbażi ta' parir dwar ir-rendiment massimu sostenibbli, kif previst mill-ICES.

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent (ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-ħażniet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana (ĠU L 157, 19.6.2007, p. 1).

3 Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċi żgħar ta' ħlejjaq tal-baħar (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5).

(12) B'riżultat tal-eżerċizzju referenzjarju, fir-rigward tal-istokk tal-aringa fil-Punent tal-Iskozja, l-ICES ta pariri dwar l-istokkijiet ikkombinati tal-aringa fid-Diviżjonijiet 6a, 7b u 7c (fil-Punent tal-Iskozja, fil-Punent tal-Irlanda). Il-parir ikopri żewġ TACs separati (għal 6aS, 7b u 7c minn naħa, u għal 5b, 6b u 6aN min-naħa l-oħra). Skont l-ICES, irid jiġi żviluppat pjan ta' rpiljar għal dawk l-istokkijiet. Ladarba, skont il-parir xjentifiku, il-pjan ta' ġestjoni għall-istokk tat-Tramuntana[1] ma jistax jiġi applikat għal stokkijiet ikkombinati u mhux possibbli li jiġu ffissati opportunitajiet tas-sajd separati għal dawk iż-żewġ stokkijiet, tiġi stabbilita TAC biex tippermetti qabdiet limitati fi programm ta' teħid ta' kampjuni xjentifiku imħaddem b'mod kummerċjali.

(13) Għal stokkijiet li għalihom ma hemmx biżżejjed data jew data affidabbli sabiex jingħataw l-istimi dwar id-daqs tal-istokkijiet, il-miżuri ta' ġestjoni u l-livelli tat-TACs jenħtieġ li jsegwu l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, filwaqt li jitqiesu l-fatturi speċifiċi għall-istokkijiet, inkluż, b'mod partikolari, it-tagħrif disponibbli dwar ix-xejriet tal-istokkijiet u l-kunsiderazzjonijiet dwar is-sajd imħallat.

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 6).

(14) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96[1] introduċa kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà skont l-Artikolu 3 u 4 ta' dak ir-Regolament għat-TACs prekawzjonarji u analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma japplikax l-Artikolu 3 jew 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Aktar reċentement, permezz tal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 iddaħħal il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ixxekkel il-kisba tal-miri tal-PKS u twassal biex tmur għall-agħar il-qagħda bijoloġika tal-istokkijiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw għat-TACs biss meta l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma tintużax.

(15) Meta TAC relatata ma' stokk tiġi allokata lil Stat Membru wieħed biss, ikun xieraq li dak l-Istat Membru jingħata s-setgħa jiddetermina l-livell ta' din it-TAC skont l-Artikolu 2(1) tat-Trattat. Jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li, meta jistabbilixxi dak il-livell ta' TAC, l-Istat Membru kkonċernat jaġixxi b'mod li jkun konsistenti għalkollox mal-prinċipji u mar-regoli tal-PKS.

(16) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-livelli massimi tal-isforz tas-sajd għall-2018 f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 509/2007, l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 676/2007, u l-Artikoli 5, 6, 7 u 9 tal-Anness I għar-Regolament (UE)2016/1627.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

(17) Sabiex ikun iggarantit l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd, huwa xieraq li tkun prevista l-implimentazzjoni ta' arranġament flessibbli bejn uħud minn dawk iż-żoni tat-TAC fejn l-istess stokk bijoloġiku huwa kkonċernat. Barra mill-flessibbiltà inter-żonali eżistenti, huwa xieraq, b'mod partikolari, li tiddaħħal flessibbiltà inter-żonali limitata għal-lipp mis-subżoni 6 sa 14 tal-ICES sal-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 u għar-rebekkini u r-raj bejn id-diviżjoni 7d u l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a u s-subżona 4.

(18) Għal ċerti speċijiet, bħal ċerti speċijiet ta' klieb il-baħar, anke attività limitata tas-sajd tista' twassal għal riskju serju għall-konservazzjoni tagħhom. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd għal speċijiet bħal dawn jenħtieġ li jkunu ristretti bis-sħiħ permezz ta' projbizzjoni ġenerali tas-sajd għal dawk l-ispeċijiet.

(19) Fil-11-il Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni ta' Speċijiet Migratorji ta' Annimali Selvaġġi, li saret f'Quito mit-3 sad-9 ta' Novembru 2014, ġew inklużi għadd ta' speċijiet fil-listi ta' speċijiet protetti fl-Appendiċi I u II tal-Konvenzjoni, b'effett mit-8 ta' Frar 2015. Għalhekk, jixraq li tiġi prevista l-protezzjoni ta' dawk l-ispeċijiet fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fl-ilmijiet kollha u fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd mhux tal-Unjoni li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni.

(20) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd li huma disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stipulati f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[1], u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u fir-rigward tan-notifikazzjoni tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kodiċijiet li jridu jintużaw mill-Istati Membri meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet li huma soġġetti għal dan ir-Regolament.

(21) Sabiex jiġi segwit il-parir mill-ICES, jixraq li tinżamm sistema speċifika għall-ġestjoni taċ-ċiċċirell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES. Peress li l-parir xjentifiku tal-ICES mistenni li jkun disponibbli biss fi Frar tal-2018, jixraq li t-TACs u l-kwoti għal dak l-istokk jiġu stabbiliti b'mod proviżorju għal żero sa meta jinħareġ dan il-parir.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(22) F'konformità mal-proċedura prevista fil-ftehimiet jew fil-protokolli dwar ir-relazzjonijiet tas-sajd man-Norveġja[1] u mal-Gżejjer Faeroe[2], l-Unjoni kellha konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tas-sajd ma' dawk is-sħab. Skont il-proċedura prevista fil-ftehim u fil-protokoll dwar ir-relazzjonijiet tas-sajd ma' Greenland[3], il-Kumitat Konġunt stabbilixxa l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet ta' Greenland fl-2018. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-opportunitajiet tas-sajd jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.

(23) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2017, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) adottat miżuri ta' konservazzjoni għaż-żewġ stokkijiet tar-redfish fil-Baħar Irminger. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(24) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2017, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) żammet fuq l-istess livell it-TACs għall-alonga tal-Atlantiku tan-Nofsinhar, u t-tonna safra. Il-Kummissjoni tal-ICCAT adottat ukoll żidiet fit-TAC għat-tonn tal-Lvant u tal-Mediterran u l-alonga tat-Tramuntana. It-TAC għall-2018 għall-alonga tat-Tramuntana għal Spanja diġà jirrifletti tnaqqis ta' 945,56 tunnellata għal sajd eċċessiv li seħħ fl-2016. Dak is-sajd eċċessiv ġie kkompensat fil-livell tal-ICCAT b'opportunitajiet tas-sajd minn Stati Membri oħra (Franza, l-Irlanda, il-Portugall u r-Renju Unit). Għalhekk ser ikun meħtieġ irkupru addizzjonali min-naħa ta' Spanja sabiex jikkumpensa bis-sħiħ lil dawk l-Istati Membri.

---

1 Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48).

2 Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, fuq naħa, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 12).

3 Il-Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 4) u l-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti f'dak il-Ftehim (ĠU L 293, 23.10.2012, p. 5).

(25) Fl-2018, it-TAC għall-pixxispad tal-Mediterran jitnaqqas f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT. Kif diġà huwa l-każ għall-istokk tat-tonna tal-Lvant u tal-Mediterran, jixraq li l-qabdiet waqt is-sajd rikreattiv tal-istokkijiet l-oħra kollha tal-ICCAT ikunu soġġetti għal-limiti tal-qabdiet kif adottati mill-ICCAT. Barra minn hekk, bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mhux anqas minn 20 metru li jistadu għat-tonn obeż fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT jenħtieġ li jkunu soġġetti għal-limitazzjonijiet fuq il-kapaċità adottati mill-ICCAT fir-Rakkomandazzjoni 15-01 tal-ICCAT. Dawk il-miżuri kollha għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(26) Fl-2017, fis-36 laqgħa annwali tal-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR), il-Partijiet adottaw limiti tal-qabdiet kemm għall-ispeċijiet fil-mira kif ukoll għal dawk aċċessorji għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2017 sat-30 ta' Novembru 2018. L-użu tal-kwoti matul l-2017 jenħtieġ li jiġi kkunsidrat meta jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018.

(27) Fl-2017, fil-laqgħa annwali tagħha, il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) adottat limiti tal-qabdiet ġodda għat-tonna safra (*Thunnus albacares*) li ma jaffettwawx il-limiti tal-qabdiet tal-Unjoni fl-IOTC. Hija naqqset ukoll il-possibbiltajiet għall-użu tal-irkaptu biex jinġema' l-ħut (FADs) u l-bastimenti tal-provvista. Billi l-attivitajiet tal-bastimenti tal-provvista u l-użu tal-FADs huma parti integrali mill-isforz tas-sajd li twettaq il-flotta tas-sajd bit-tartaruni tal-borża, dik il-miżura għandha tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni.

(28) Il-laqgħa annwali tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) ser issir mit-30 ta' Jannar sat-3 ta' Frar 2018. Jixraq li l-miżuri attwali fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO jinżammu proviżorjament sakemm issir din il-laqgħa annwali.

(29) Fl-2017, fil-laqgħa annwali tagħha, il-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC) adottat miżura ta' konservazzjoni għat-tonna safra, għat-tonn obeż u għall-palamit għall-2018-2020 u emendat il-miżura eżistenti ta' konservazzjoni għall-2017 għal dawk l-ispeċijiet. Huwa xieraq li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(30) Fl-2017, fil-laqgħa annwali tagħha, il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) ikkonfermat it-TAC għat-Tonna tan-Nofsinhar għall-perijodu 2018-2020 adottata fil-laqgħa annwali fl-2016. Il-miżuri applikabbli attwalment għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd li ġew adottati mis-CCSBT jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(31) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2017, l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) ma emendatx il-miżura għall-konservazzjoni tat-TACs ta' kull sentejn għall-pixxisinna Patagonjan, għall-granċ aħmar tal-fond, il-fonsa ħamra u għar-ras korazza pelaġika adottata fl-2016. Il-miżura għall-konservazzjoni tat-TAC ta' kull sentejn għall-mera tal-Atlantiku fid-Diviżjoni B1 ma ġietx riveduta u tibqa' fis-seħħ fl-2018. Il-miżuri applikabbli attwalment għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd adottati mis-SEAFO jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(32) Fl-14-il laqgħa annwali tagħha, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) adottat miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għat-tonn tropikali. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(33) Fid-39 laqgħa annwali tagħha fl-2017, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) adottat għadd ta' opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet fis-Subżoni 1-4 taż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(34) Fl-2016, fl-40 laqgħa annwali tagħha, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (GFCM) adottat limiti tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd għal ċerti stokkijiet pelaġiċi żgħar għas-snin 2017 u 2018 fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 (il-Baħar Adrijatiku) taż-Żona tal-Ftehim tal-GFCM. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. Il-limiti tal-qabdiet massimi stabbiliti fl-Anness IL huma ffissati esklużivament għal sena u mingħajr preġudizzju għal kull miżura oħra adottata fil-futur u kull skema ta' allokazzjoni oħra li tista' ssir bejn l-Istati Membri.

(35) Meta jitqiesu l-partikolaritajiet tal-flotta Slovena, u fid-dawl tal-impatt marġinali tagħhom fuq l-istokkijiet ta' speċijiet pelaġiċi żgħar huwa xieraq li jiġu ppreżervati x-xejriet ta' sajd eżistenti u li jiġi żgurat l-aċċess tal-flotta Slovena għal kwantità minima ta' speċijiet pelaġiċi żgħar.

(36) Ċerti miżuri internazzjonali li joħolqu jew jillimitaw l-opportunitajiet tas-sajd għall-Unjoni huma adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) rilevanti fl-aħħar tas-sena u jsiru applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw dawn il-miżuri fil-liġi tal-Unjoni japplikaw b'mod retroattiv. B'mod partikolari, peress li l-istaġun tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huwa mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru, u b'hekk ċerti opportunitajiet jew projbizzjonijiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huma stipulati għal perijodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 2017, jixraq li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament japplikaw minn dik id-data. Din l-applikazzjoni retroattiva ma tippreġudikax il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi peress li l-membri tas-CCAMLR ma jitħallewx jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR mingħajr awtorizzazzjoni.

(37) Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-isnow crab fiż-żona ta' Svalbard, it-Trattat ta' Pariġi tal-1920 jagħti aċċess ugwali u nondiskriminatorju għar-riżorsi għall-partijiet kollha ta' dak it-Trattat, fost l-oħrajn fir-rigward tas-sajd. Il-fehma tal-Unjoni dwar dak l-aċċess, fir-rigward tas-sajd għall-isnow crab fuq il-blata kontinentali madwar Svalbard, ġiet stabbilita f'żewġ notes verbales lin-Norveġja datati 25 ta' Ottubru 2016 u 24 ta' Frar 2017. Sabiex jiġi żgurat li l-isfruttament tal-isnow crab fiż-żona ta' Svalbard isir konsistenti ma' kwalunkwe regola ta' ġestjoni nondiskriminatorja li tista' tistipula n-Norveġja, li tgawdi minn sovranità u ġurisdizzjoni fiż-żona fil-limiti tat-Trattat imsemmi, huwa xieraq li jiġi ddeterminat in-numru ta' bastimenti li huma awtorizzati li jagħmlu sajd bħal dan. L-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd bħal dawn fost l-Istati Membri hija limitata għall-2018. Huwa mfakkar li fl-Unjoni r-responsabbiltà primarja li tiġi żgurata l-konformità mal-liġi applikabbli hija tal-Istati Membri tal-bandiera.

(38) F'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Unjoni indirizzata lir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża[1], jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-isnapper li huma disponibbli għall-Venezwela fl-ilmijiet tal-Unjoni.

(39) Minħabba li ċerti dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikati fuq bażi kontinwa, u sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali bejn il-perijodu bejn it-tmiem tal-2017 u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018, huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-projbizzjonijiet u l-istaġuni magħluqin ikomplu japplikaw fil-bidu tal-2019, sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019.

(40) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-għoti ta' awtorizzazzjoni lil Stat Membru individwali sabiex jibbenefika mis-sistema ta' ġestjoni tal-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd tiegħu skont sistema ta' kilowatt-jiem, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].

---

1 ĠU L 6, 10.1.2012, p. 9.

2 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(41) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-għoti ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd u għat-titjib tal-kopertura tal-osservatur xjentifiku kif ukoll sabiex jiġu stabbiliti l-formati tal-ispreadsheets għall-ġbir u għat-trasmissjoni tat-tagħrif dwar it-trasferiment tal-jiem fuq il-baħar bejn il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

(42) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2018, għajr għad-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-isforz tas-sajd, li jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Frar 2018, u għajr ċerti dispożizzjonijiet li jikkonċernaw reġjuni partikolari, li jenħtieġ li jkollhom data speċifika ta' applikazzjoni. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

(43) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jintużaw f'konformità sħiħa mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

(44) Skont il-parir xjentifiku aġġornat mill-ICES, il-qabdiet annwali tal-barbun imperjali fis-subżona 4 tal-ICES ma jistgħux ikunu aktar minn 4952 tunnellata għas-snin 2017-2019. Għalhekk huwa xieraq li t-TAC għall-barbun imperjali u l-barbun lixx fil-Baħar tat-Tramuntana jiġi emendat biex jippermetti qabdiet akbar ta' dawk l-ispeċi fl-2017 ukoll. Għalhekk, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/127[1] għandu jiġi emendat kif xieraq.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 tal-20 ta' Jannar 2017 li jistabbilixxi għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2017, p. 1).

(45) It-TAC għall-barbun imperjali u l-barbun lixx fil-Baħar tat-Tramuntana (diviżjonijiet IIa u IV tal-ICES) previst fir-Regolament (UE) 2017/127 japplika mill-1 ta' Jannar 2017. Id-dispożizzjonijiet emendatorji stipulati f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati huma akbar meta mqabbla mal-opportunitajiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 2017/127,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

*Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd li huma disponibbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet ta' ħut.

2. L-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu:

(a) il-limiti tal-qabdiet għas-sena 2018 u, fejn speċifikat f'dan ir-Regolament, għas-sena 2019;

(b) il-limiti tal-isforz tas-sajd għall-perijodu mill-ta' Frar 2018 sal-31 ta' Jannar 2019, għajr meta huma stabbiliti perijodi oħra għal-limiti tal-isforz tas-sajd fl-Artikoli 26, 27 u 39 u fl-Anness IIE, kif ukoll fir-rigward ta' rkapti biex jinġema' l-ħut (FADs);

(c) l-opportunitajiet tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2017 sat-30 ta' Novembru 2018 għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR;

(d) l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC stipulati fl-Artikolu 28 għall-perijodi fl-2018 u fl-2019 li huma speċifikati f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 2*

*Kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti li ġejjin:

   (a) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni;

   (b) bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għas-sajd rikreattiv fejn huwa espressament imsemmi fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

*Artikolu 3*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "bastiment ta' pajjiż terz" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz u li huwa rreġistrat fih;

(b) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għal rikreazzjoni, turiżmu jew sport;

(c) "ilmijiet internazzjonali" tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt l-ebda sovranità jew ġurisdizzjoni ta' xi Stat;

(d) "qabdiet totali permissibbli" (TAC) tfisser:

(i) fl-attivitajiet tas-sajd li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità ta' ħut li tista' tinqabad minn kull stokk kull sena;

(ii) fl-attivitajiet tas-sajd l-oħra kollha, il-kwantità ta' ħut li tista' tinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(e) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(f) "valutazzjonijiet analitiċi" tfisser evalwazzjonijiet kwantitattivi tax-xejriet fi stokk partikolari, abbażi ta' data dwar il-bijoloġija u l-isfruttar tal-istokk, li l-analiżi xjentifika indikat li hija ta' kwalità biżżejjed biex abbażi tagħha jingħataw pariri xjentifiċi dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri;

(g) "daqs tal-malji" tfisser id-daqs tal-malji tax-xbieki tas-sajd kif ġie ddeterminat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/2008[1];

(h) "reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni" tfisser ir-reġistru stabbilit mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(i) "ġurnal ta' abbord dwar is-sajd" tfisser il-ġurnal ta' abbord imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

---

1 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/2008 tal-10 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-assessjar tal-ħxuna tal-ispag tax-xbieki tas-sajd (ĠU L 151, 11.6.2008, p. 5).

*Artikolu 4*

*Żoni tas-sajd*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

(a) iż-żoni tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma ż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009[1];

(b) "Skagerrak" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fil-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm għall-fanal ta' Lindesnes u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża;

(c) "Kattegat" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fit-Tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenøre sa Gnibens Spids, minn Korshage sa Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved sa Kullen;

(d) "Unità Funzjonali 16 tas-subżona 7 tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

– 53° 30' N 15° 00' W,

– 53° 30' N 11° 00' W,

– 51° 30' N 11° 00' W,

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

– 51° 30' N 13° 00' W,

– 51° 00' N 13° 00' W,

– 51° 00' N 15° 00' W,

– 53° 30' N 15° 00' W;

(e) "Unità Funzjonali 26 tad-diviżjoni 9a tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

– 43° 00' N 8° 00' W,

– 43° 00' N 10° 00' W,

– 42° 00' N 10° 00' W,

– 42° 00' N 8° 00' W;

(f) "Unità Funzjonali 27 tad-diviżjoni 9a tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

– 42° 00' N 8° 00' W,

– 42° 00' N 10° 00' W,

– 38° 30' N 10° 00' W,

– 38° 30' N 9° 00' W,

– 40° 00' N 9° 00' W,

– 40° 00' N 8° 00' W;

(g) "Unità Funzjonali 30 tad-diviżjoni 9a tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika taħt il-ġurisdizzjoni ta' Spanja fil-Golf ta' Cádiz u fl-ilmijiet tal-madwar ta' 9a;

(h) "Golf ta' Cádiz" tfisser iż-żona ġeografika tad-diviżjoni 9a tal-ICES li tinsab fil-Lvant tal-lonġitudni 7º 23' 48″ W;

(i) Iż-żoni tas-CECAF (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant) huma ż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(j) Iż-żoni tan-NAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral) huma ż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2];

(k) "Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk)" hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku[3];

1 Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

2 Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).

3 Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta' Risorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39).

(l) "Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Preservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku)" hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku[1];

(m) "Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR (il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi tal-Baħar Ħajjin tal-Antartiku)" hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004[2];

(n) "Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC (il-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali)" hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali li ġiet stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Repubblika tal-Costa Rica[3];

---

[1] L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartiku u jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 3943/90, (KE) Nru 66/98 u (KE) Nru 1721/1999 (ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16).

[3] Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

(o) "Żona ta' Kompetenza tal-IOTC (il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan)" hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Ftehim għat-twaqqif tal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan[1];

(p) "Żona tal-Konvenzjoni tas-SPRFMO (l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku )" hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku[2];

(q) "Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC (il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali)" hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokkijiet tal-Ħut Migratorju Ħafna fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent[3];

(r) "Subżoni ġeografiċi tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)" huma ż-żoni li huma ddefiniti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4].

---

1 L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE tat-18 ta' Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

2 L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/130/UE tat-3 ta’ Ottubru 2011 dwar l-approvazzjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta’ Riżorsi tas-Sajd f’Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 67, 6.3.2012, p. 1).

3 L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta' April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

(s) "ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering" hija ż-żona ġeografika tal-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering 'il barra minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom titkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali tal-Istati kostali tal-Baħar Bering;

(t) "żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC" hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita mil-limiti li ġejjin:

– il-lonġitudni 150º W,

– Il-lonġitudni 130º W,

– il-latitudni 4º S,

– il-latitudni 50º S.

# TITOLU II
# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD
# GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI

## Kapitolu I
## Dispożizzjonijiet Ġenerali

*Artikolu 5*

*TACs u allokazzjonijiet*

1. It-TACs għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni jew f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni u l-allokazzjoni ta' TACs bħal dawn fost l-Istati Membri, u l-kondizzjonijiet marbuta magħhom b'mod funzjonali, fejn xieraq, huma stipulati fl-Anness I.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu awtorizzati jwettqu qabdiet, fil-limiti tat-TACs stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament, f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-Gżejjer Faeroe, ta' Greenland u tan-Norveġja, u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen, soġġett għall-kondizzjoni stipulata fl-Artikolu 15 u fl-Anness III ta' dan ir-Regolament u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008[1] u fid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

*Artikolu 6*

*TACs li jridu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri*

1. It-TACs għal ċerti stokkijiet ta' ħut għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-istokkijiet huma identifikati fl-Anness I.

2. It-TACs li jridu jiġu stabbiliti minn Stat Membru għandhom:

   (a) ikunu konsistenti mal-prinċipji u mar-regoli tal-PKS, b'mod partikolari mal-prinċipju tal-isfruttament sostenibbli tal-istokk; u

   (b) jirriżultaw:

      (i) jekk ikunu disponibbli valutazzjonijiet analitiċi, fl-isfruttament tal-istokk b'mod konsistenti mar-rendiment massimu sostenibbli mill-2018 'il quddiem, bl-ogħla probabbiltà possibbli; jew

      (ii) jekk il-valutazzjonijiet analitiċi ma jkunux disponibbli jew ma jkunux kompluti, fl-isfruttament tal-istokk b'mod konsistenti mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd.

3. Sal-15 ta' Marzu 2018, kull Stat Membru kkonċernat għandu jippreżenta t-tagħrif li ġej lill-Kummissjoni:

   (a) it-TACs li ġew adottati;

   (b) id-data li nġabret u li ġiet ivvalutata mill-Istat Membru kkonċernat, li fuqha huma bbażati t-TACs li ġew adottati;

   (c) id-dettalji dwar kif it-TACs li ġew adottati jikkonformaw mal-paragrafu 2.

*Artikolu 7*

*Kondizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet aċċessorji*

1. Il-qabdiet li mhumiex soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk dawn:

   (a) ikunu ttieħdu minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li jkollu kwota għalihom u dik il-kwota ma tkunx ġiet eżawrita; jew

   (b) ikunu jikkonsistu f'sehem fi kwota tal-Unjoni li ma tkunx ġiet allokata bil-kwoti fost l-Istati Membri, u dik il-kwota tal-UE ma tkunx ġiet eżawrita.

2. L-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira f'limiti bijoloġiċi sikuri msemmija fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huma identifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għall-finijiet tad-deroga mill-obbligu li jingħaddu l-qabdiet skont il-kwoti rilevanti stipulati f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 8*

*Limiti tal-isforz tas-sajd*

Għall-perijodi msemmija fl-Artikolu 1(2)(b), għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin dwar l-isforz tas-sajd:

(a) l-Anness IIA għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fis-subżona 4 tal-ICES;

(b) l-Anness IIB għall-irkupru tal-merluzz u tal-iskampu fid-diviżjonijiet 8c u 9a tal-ICES, bl-eċċezzjoni tal-Golf ta' Cádiz;

(c) l-Anness IIC għall-ġestjoni tal-istokk tal-lingwata fid-diviżjoni 7e tal-ICES.

*Artikolu 9*

*Miżuri għas-sajd tal-ispnotta Ewropea*

1. Għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, kif ukoll għal kull tip ta' sajd kummerċjali minn fuq ix-xatt, li jistadu għall-ispnotta Ewropea fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES, u fis-subżona 7 tal-ICES. Għandu jkun ipprojbit li l-ispnotta Ewropea li tinqabad f'dik iż-żona tinżamm abbord, tiġi trażbordata, tiġi rilokata jew tinħatt l-art.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, f'Jannar 2018 u mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2018, bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7d, 7e, 7f u 7h tal-ICES u fl-ilmijiet fit-12-il mil nawtiku mil-linji bażi taħt is-sovranità tar-Renju Unit fid-diviżjonijiet 7a u 7g tal-ICES jistgħu jistadu għall-ispnotta Ewropea, u jżommu abbord, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnotta Ewropea maqbuda f'dik iż-żona bl-irkapti li ġejjin u fil-limiti segwenti:

   (a) bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir demersali[1] għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux il-100 kilogramma kull xahar u 1% tal-piż tal-qabdiet totali tal-organiżmi marini abbord maqbuda mill-bastiment fi kwalunkwe jum wieħed;

   (b) bl-użu tat-tartaruni[2] għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux il-180 kilogramma kull xahar u 1% tal-piż tal-qabdiet totali tal-organiżmi marini abbord maqbuda mill-bastiment fi kwalunkwe jum wieħed;

   (c) bl-użu ta' snanar u xlief[3] li ma jaqbżux il-5 tunnellati għal kull bastiment fis-sena;

   (d) bl-użu ta' għeżula[4] għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux il-1,2 tunnellati għal kull bastiment fis-sena.

---

[1] It-tipi kollha ta' xbieki tat-tkarkir demersali, inklużi OTB, OTT, PTB, TBB, TBN, TBS, TB.

[2] It-tipi kollha ta' tartaruni, inkluż SSC, SDN, SPR, SV, SB, SX.

[3] Is-sajd kollu bil-konzijiet jew bil-bastun u x-xlief jew bil-qasba u x-xlief, inkluż LHP, LHM, LLD, LL, LTL, LX u LLS.

[4] L-għeżula armati fuq il-lasti u n-nases kollha, fosthom GTR, GNS, FYK, FPN u FIX.

Id-derogi stipulati fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li għandhom qabdiet irreġistrati tal-ispnotta Ewropea fuq il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016: fil-punt (c) b'qabdiet irreġistrati li jużaw snanar u xlief, u fil-punt (d) b'qabdiet irreġistrati li jużaw għeżula armati fuq il-lasti. F'każ ta' sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li d-deroga tapplika għal bastiment ieħor dment li l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għad-deroga u l-kapaċità tas-sajd globali tagħhom ma jiżdidux.

3. Il-limiti tal-qbid stipulati fil-paragrafu 2 ma għandhomx ikunu trasferibbli bejn il-bastimenti u, fejn japplika limitu ta' kull xahar, minn xahar għall-ieħor. Għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw aktar minn irkaptu wieħed fl-istess xahar kalendarju, għandu japplika l-limitu tal-qbid l-aktar baxx stabbilit fil-paragrafu 2 għal kull irkaptu.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull qabda ta' spnotta Ewropea skont it-tip ta' rkaptu sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara t-tmiem ta' kull xahar.

4. Fis-sajd rikreattiv, inkluż minn max-xatt, fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7a sa 7k tal-ICES, għandu jiġi permess biss is-sajd ta' qbid u rilaxx għall-ispnotta Ewropea. Għandu jkun ipprojbit li l-ispnotta Ewropea li tinqabad f'dik iż-żona tinżamm abbord, tiġi rilokata, tiġi trażbordata jew tinħatt l-art.

5. Fis-sajd rikreattiv fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES, kull sajjied jista' jżomm massimu ta' tliet eżemplari ta' spnotta Ewropea kuljum.

*Artikolu 10*

*Miżuri għas-sajd tas-sallura Ewropea*

Għandu jkun pprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u bastimenti ta' pajjiżi terzi, kif ukoll kwalunkwe sajd kummerċjali minn max-xatt, is-sajd għas-sallura Ewropea ta' tul globali ta' 12-il cm jew itwal fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona tal-ICES, inkluż fil-Baħar Baltiku, għal perijodu konsekuttiv ta' tliet xhur li jiġi determinat minn kull Stat Membru bejn l-1 ta' Settembru 2018 u l-31 ta' Jannar 2019. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-perijodu determinat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2018.

*Artikolu 11*

*Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd*

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f'dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

   (a) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

   (b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

   (c) riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008;

   (d) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

   (e) kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(f) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(g) trasferimenti u skambji ta' kwoti skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.

2. L-istokkijiet li huma soġġetti għal TACs prekawzjonarji jew analitiċi huma identifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għall-finijiet tal-ġestjoni minn sena għal sena ta' TACs u kwoti li huma previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96.

3. Għajr meta speċifikat mod ieħor fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC prekawzjonarja, u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC analitika.

4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena li hija prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 12*

*Staġuni magħluqin għas-sajd*

1. Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd għal kwalunkwe speċi minn dawn li ġejjin fil-Porcupine Bank jew li tinżamm abbord kwalunkwe speċi minnhom f'din iż-żona matul il-perijodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Mejju 2018: il-bakkaljaw, il-megrim, il-petriċa, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu, il-merluzz, l-iskampu, il-barbun tat-tbajja', il-pollakkju, il-pollakkju iswed, ir-rebekkini u r-raj, il-lingwata komuni, it-tusk, il-linarda, il-lipp u l-mazzola griża.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Porcupine Bank għandu jinkludi ż-żona ġeografika kkonfinata mil-linji rombu li jgħaqqdu flimkien b'mod sekwenzjali l-pożizzjonijiet li ġejjin:

| Punt | Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|---|
| 1 | 52° 27' N | 12° 19' W |
| 2 | 52° 40' N | 12° 30' W |
| 3 | 52° 47' N | 12° 39,600' W |
| 4 | 52° 47' N | 12° 56' W |
| 5 | 52° 13,5' N | 13° 53,830' W |
| 6 | 51° 22' N | 14° 24' W |
| 7 | 51° 22' N | 14° 03' W |
| 8 | 52° 10' N | 13° 25' W |
| 9 | 52° 32' N | 13° 07,500' W |
| 10 | 52° 43' N | 12° 55' W |
| 11 | 52° 43' N | 12° 43' W |
| 12 | 52° 38,800' N | 12° 37' W |
| 13 | 52° 27' N | 12° 23' W |
| 14 | 52° 27' N | 12° 19' W |

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, it-tranżitu mill-Porcupine Bank, filwaqt li jinġarru abbord l-ispeċijiet imsemmija f'dak is-subparagrafu, għandu jkun permess f'konformità mal-Artikolu 50(3), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirell bi xbieki tat-tkarkir demersali, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji inqas minn 16 mm, għandu jkun projbit fid-diviżjonijiet 2a, 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2018 u mill-1 ta Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2018.

Il-projbizzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika wkoll għal bastimenti ta' pajjiżi terzi li huma awtorizzati jistadu għaċ-ċiċċirell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES.

*Artikolu 13*

*Projbizzjonijiet*

1. Għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, iżommuhom abbord, jittrażbordawhom jew iħottuhom l-art :

(a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*), fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 2a, 3a u 7d tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES;

(b) il-kelb il-baħar abjad (*Carcharodon carcharías*) fl-ilmijiet kollha;

(c) il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(d) il-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(e) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) fl-ilmijiet kollha;

(f) il-murruna sewda (*Dalatias licha*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(g) il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calcea*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(h) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES;

(i) il-mazzola tal-fanal maġġuri *(Etmopterus princeps*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(j) il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1, 5, 6, 7, 8, 12 u 14 tal-ICES;

(k) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jinqabad bil-konzijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1, 5, 6, 7, 8, 12 u 14 tal-ICES;

(l) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus)* fl-ilmijiet kollha;

(m) ir-raja manta tal-iskoll (*Manta alfredi*) fl-ilmijiet kollha;

(n) ir-raja manta ġiganta (*Manta birostris*) fl-ilmijiet kollha;

(o) l-ispeċijiet li ġejjin ta' Raj tal-qrun fl-ilmijiet kollha:

(i) il-baqra (*Mobula mobular*),

(ii) ir-raja tal-qrun minuri tal-Guinea (*Mobula rochebrunei*),

(iii) il-mobula denbha xewka (*Mobula japanica*),

(iv) il-mobula denbha lixx (*Mobula thurstoni*),

(v) il-mobula qrunha twal (*Mobula eregoodootenkee*),

(vi) ir-raja tal-qrun ta' Munk (*Mobula munkiana*),

(vii) ir-raja tal-qrun taċ-Ċilì (*Mobula tarapacana*),

(viii) ir-raja tal-qrun tal-ġewnaħ qasir (*Mobula kuhlii*),

(ix) ir-raja tal-qrun minuri (*Mobula hypostoma*);

(p) l-ispeċijiet li ġejjin ta' pixxisega (*Pristidae*) fl-ilmijiet kollha:

(i) il-pixxisega rqiqa (*Anoxypristis cuspidata*),

(ii) il-pixxisega nana (*Pristis clavata*),

(iii) il-pixxiserrieq (*Pristis pectinata*),

(iv) il-pixxisega businna (*Pristis pristis*),

(v) il-pixxisega ħadra (*Pristis zijsron*)

(q) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

(r) ir-raja tan-Norveġja (*Dipturus nidarosiensis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 6a, 6b, 7a, 7b, 7c, 7e, 7f, 7g, 7h u 7k tal-ICES;

(s) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6 u 10 tal-ICES;

(t) il-ħamiema (*Rostroraja alba*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES;

(u) il-guitarfishes (*Rhinobatidae*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 12 tal-ICES;

(v) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES, bl-eċċezzjoni ta' programmi għall-evitar kif stabbilit fl-Anness IA;

(w) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih.

*Artikolu 14*

*Trasmissjoni tad-data*

Meta l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art ta' kwantitajiet tal-istokkijiet li jkunu nqabdu, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

# Kapitolu II

# Awtorizzazzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

*Artikolu 15*

*Awtorizzazzjonijiet għas-sajd*

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet għas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fl-ilmijiet ta' pajjiż terz huwa stipulat fl-Anness III.

2. Meta Stat Membru jittrasferixxi kwota lil Stat Membru ieħor ("tpartit") fiż-żoni tas-sajd li huma stipulati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, abbażi tal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, it-trasferiment għandu jinkludi trasferiment xieraq tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni. Madankollu, kif stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, ma għandux jinqabeż l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet għas-sajd għal kull żona tas-sajd.

## Kapitolu III
## Opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

*Artikolu 16*

*Trasferimenti u skambji ta' kwoti*

1. Meta, skont ir-regoli ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ("RFMO"), ikunu permessi trasferimenti jew skambji ta' kwoti bejn il-Partijiet Kontraenti għall-RFMO, Stat Membru ("l-Istat Membru kkonċernat") jista' jiddiskuti ma' Parti Kontraenti għall-RFMO u, skont il-każ, jistabbilixxi deskrizzjoni possibbli tat-trasferiment jew tal-iskambju ta' kwoti maħsub.

2. Hekk kif il-Kummissjoni tiġi nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tapprova d-deskrizzjoni tat-trasferiment jew tal-iskambju ta' kwoti maħsub li l-Istat Membru jkun iddiskuta mal-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO. Hekk kif isir dan, il-Kummissjoni għandha tagħti, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens li tintrabat bit-tali trasferiment jew skambju ta' kwoti mal-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO. Imbagħad, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-segretarjat tal-RFMO bit-trasferiment jew bl-iskambju ta' kwoti miftiehem f'konformità mar-regoli ta' dik l-organizzazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri bit-trasferiment jew bl-iskambju ta' kwoti miftiehem.

4. L-opportunitajiet tas-sajd li jaslu mingħand il-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO jew li jiġu ttrasferiti lilhom skont it-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti għandhom jitqiesu bħala kwoti li ġew allokati lill-Istat Membru kkonċernat jew imnaqqsa mill-allokazzjoni tiegħu, mill-waqt li jkollu effett it-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti, f'konformità mat-termini tal-ftehim li jintlaħaq mal-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO jew f'konformità mar-regoli tal-RFMO rilevanti, skont il-każ. Din l-allokazzjoni ma għandhiex tbiddel l-iskeda eżistenti ta' distribuzzjoni għall-fini tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Jannar 2019 għat-trasferimenti tal-kwoti minn Parti Kontraenti għall-RFMO lejn l-Unjoni u għall-allokazzjoni sussegwenti tagħhom lill-Istati Membri.

## TAQSIMA 1
## ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-ICCAT

*Artikolu 17*

*Limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tas-sajd, it-trobbija u t-tismin*

1. L-għadd ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati biex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Lvant tal-Atlantiku għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness IV.

2. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd artiġjanali kostali tal-Unjoni, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Mediterran, għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness IV.

3. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm, għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness IV.

4. L-għadd u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd, li huma awtorizzati għas-sajd, għaż-żamma abbord, għat-trażbord, għat-trasport jew għall-ħatt l-art tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 4 tal-Anness IV.

5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 5 tal-Anness IV.

6. Il-kapaċità tat-trobbija u l-kapaċità tat-tismin tat-tonn u l-kontribut massimu tat-tonn maqbud fis-selvaġġ, li huma allokati lill-istabbilimenti tal-akkwakultura fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 6 tal-Anness IV.

7. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-alonga tat-Tramuntana bħala speċi fil-mira f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 520/2007 għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 7 tal-Anness IV għal dan ir-Regolament.

8. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-inqas 20 metru li jistadu għat-tonn obeż fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 8 tal-Anness IV.

*Artikolu 18*

*Sajd rikreattiv*

Fejn adatt, l-Istati Membri għandhom jallokaw sehem speċifiku għas-sajd rikreattiv mill-kwoti allokati tagħhom stipulati fl-Anness ID.

*Artikolu 19*

*Klieb il-baħar*

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*) fi kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Għandu jkun ipprojbit is-sajd dirett għall-ispeċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias*.

3. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-kurazzi tal-familja *Sphyrnidae* (għajr is-*Sphyrna tiburo*) b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

4. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) maqbuda waqt kwalunkwe attività tas-sajd.

5. Għandha tkun ipprojbita ż-żamma abbord tal-kelb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*) maqbuda fi kwalunkwe attività tas-sajd.

## TAQSIMA 2

## ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR

*Artikolu 20*

*Projbizzjonijiet u l-limitazzjonijiet tal-qbid*

1. Is-sajd dirett għall-ispeċijiet li huma stipulati fil-Parti A tal-Anness V, għandu jkun ipprojbit fiż-żoni u matul il-perijodi stabbiliti hemmhekk.

2. Għall-attivitajiet esploratorji tas-sajd, it-TACs u l-limiti tal-qabdiet aċċessorji li huma stipulati fil-Parti B tal-Anness V, għandhom japplikaw fis-subżoni msemmija hemmhekk.

*Artikolu 21*

*Sajd esploratorju*

1. Fl-2018, l-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet esploratorji tas-sajd bil-konzijiet għall-pixxisinna (l-ispeċijiet *Dissostichus*) fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a 'l barra miż-żoni ta' ġurisdizzjoni nazzjonali. Jekk Stat Membru jkun biħsiebu jipparteċipa f'sajd bħal dan, huwa għandu jinnotifika lis-Segretarjat tas-CCAMLR f'konformità mal-Artikoli 7 u 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 u fi kwalunkwe każ mhux iktar tard mill-1 ta' Ġunju 2018.

2. Fir-rigward tas-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll tad-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a, it-TACs u l-limiti tal-qabdiet aċċessorji għal kull subżona u għal kull diviżjoni, u d-distribuzzjoni tagħhom fost l-Unitajiet ta' Riċerka fuq Skala Żgħira (SSRUs) fi ħdan kull waħda minnhom, għandhom ikunu kif stipulat fil-Parti B tal-Anness V. Għandu jieqaf is-sajd f'kull SSRU meta l-qabda rrappurtata tilħaq it-TAC speċifikata u dik l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija tal-istaġun.

3. Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kemm jista' jkun kbira, sabiex jinkiseb it-tagħrif meħtieġ biex jiġi ddeterminat il-potenzjal tas-sajd u biex tiġi evitata konċentrazzjoni żejda tal-qbid u tal-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a, għandu jkun ipprojbit f'fond ta' inqas minn 550 metri.

*Artikolu 22*

*Sajd għall-krill matul l-istaġun tas-sajd 2018/2019*

1. Jekk Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jistad għall-krill (*Euphausia superba*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR waqt il-perijodu tas-sajd 2018/2019, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2018, bl-intenzjoni tiegħu li jistad għall-krill, bl-użu tal-format stabbilit fil-Parti C tal-Anness V ta' dan ir-Regolament. Abbażi tat-tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta n-notifiki lis-Segretarjat tas-CCAMLR sa mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2018.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi t-tagħrif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment li jrid jiġi awtorizzat mill-Istat Membru biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

3. Stat Membru li jkun biħsiebu jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan għall-bastimenti awtorizzati biss li, fil-waqt tan-notifika, ikunu qegħdin itajru l-bandiera tiegħu jew dawk li jkunu qegħdin itajru l-bandiera ta' membru ieħor tas-CCAMLR u li fiż-żmien meta jsir is-sajd, huma mistennija li jkunu qegħdin itajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jawtorizzaw lil bastimenti jipparteċipaw f'attività tas-sajd għall-krill bl-eċċezzjoni ta' dawk il-bastimenti notifikati lis-Segretarjat tas-CCAMLR f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jekk bastiment awtorizzat ma jitħalliex jipparteċipa minħabba raġunijiet operazzjonali leġittimi jew minħabba *force majeure*. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jgħarrfu minnufih lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni, u jipprovdu:

(a) dettalji sħaħ tal-bastiment(i) maħsub(a) li ser jissostitwixxi/u, inkluż it-tagħrif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004;

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenzi rilevanti ta' sostenn.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw bastiment li jkun imniżżel fi kwalunkwe waħda mil-Listi ta' Bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (sajd IUU) tas-CCAMLR biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

## TAQSIMA 3

## IŻ-ŻONA TA' KOMPETENZA TAL-IOTC

*Artikolu 23*

*Il-limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajd ta' bastimenti li jistadu fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC*

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness VI.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u għall-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness VI.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid il-bastimenti li jkunu assenjati għal waħda miż-żewġ attivitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-attività tas-sajd l-oħra, dment li jkunu jistgħu juru lill-Kummissjoni li din il-bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd fuq l-istokkijiet tal-ħut involuti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkun hemm trasferiment propost ta' kapaċità lill-flotta tagħhom, il-bastimenti li għandhom jiġu ttrasferiti jkunu fuq ir-Reġistru ta' Bastimenti tal-IOTC jew fuq ir-reġistru ta' bastimenti ta' RFMOs oħra għas-sajd tat-tonn. Barra minn hekk, ma jista' jiġi ttrasferit ebda bastiment li jkun jinsab fuq il-lista ta' bastimenti involuti f'sajd IUU ta' kwalunkwe RFMO.

5. L-Istati Membri ma jistgħux iżidu l-kapaċità tas-sajd tagħhom lil hinn mil-livelli limitu msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għajr fil-limiti stipulati fil-pjanijiet ta' żvilupp li jkunu ġew ippreżentati lill-IOTC.

*Artikolu 24*

*Irkaptu mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut u l-bastimenti tal-provvista*

1. Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandux juża iżjed minn 350 irkaptu attiv mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut fi kwalunkwe ħin.

2. L-għadd ta' bastimenti tal-provvista ma għandux ikun aktar minn bastiment tal-provvista wieħed li jappoġġa mhux anqas minn żewġ bastimenti bit-tartarun tal-borża, ilkoll itajru l-bandiera tal-istess Stat Membru. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal Stati Membri li jużaw bastiment tal-provvista wieħed biss.

3. Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża wieħed ma għandux ikun appoġġat minn bastiment tal-provvista wieħed tal-istess Stat tal-bandiera fi kwalunkwe ħin.

4. Mill-1 ta' Jannar 2018, l-ebda bastiment tal-provvista ġdid jew addizzjonali ma għandu jkun reġistrat fir-Reġistru tal-Bastimenti Awtorizzati tal-IOTC.

*Artikolu 25*

*Klieb il-baħar*

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxivolpi tal-ispeċijiet kollha tal-familja *Alopiidae* fi kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) fi kwalunkwe attività tas-sajd, għajr għal bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 24 metru li jkunu involuti biss f'operazzjonijiet tas-sajd fiż-Żona Ekonomika Esklużiva (ŻEE) tal-Istat Membru li jkunu qegħdin itajru l-bandiera tiegħu, u dment li l-qbid tagħhom ikun destinat biss għall-konsum lokali.

3. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih.

## TAQSIMA 4

## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-SPRFMO

*Artikolu 26*

*Sajd ta' ħut pelaġiku*

1. Huma biss l-Istati Membri li eżerċitaw b'mod attiv attivitajiet tas-sajd ta' ħut pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, fl-2008 jew fl-2009 li jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-żona f'konformità mat-TACs stipulati fl-Anness IJ.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jillimitaw il-livell totali ta' tunnellaġġ gross tal-bastimenti li jkunu qegħdin itajru l-bandiera tagħhom u li jkunu qegħdin jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi fl-2017, għal-livell totali ta' tunnellaġġ gross ta' 78 600 tal-Unjoni f'dik iż-żona.

3. L-opportunitajiet tas-sajd li huma stipulati fl-Anness IJ jistgħu jintużaw biss dment li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni l-lista ta' bastimenti li stadu b'mod attiv jew kienu involuti fit-trażbord fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, ir-reġistri mis-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti, ir-rapporti ta' kull xahar dwar il-qbid u, meta dawn ikunu disponibbli, id-dokumenti dwar id-dħul fil-port mhux iktar tard mill-ħames jum tax-xahar ta' wara, bil-għan li dak it-tagħrif jiġi kkomunikat lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

*Artikolu 27*

*Sajd tal-qiegħ*

1. Fl-2017, l-Istati Membri għandhom jillimitaw il-qabda jew l-isforz tas-sajd tal-ħut tal-qiegħ tagħhom fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għal dawk il-partijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni li fihom seħħ is-sajd tal-ħut tal-qiegħ mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 u għal livell li ma jaqbiżx il-livelli medji annwali ta' parametri tal-qabdiet jew tal-isforz tas-sajd f'dak il-perijodu. Huma jistgħu jistadu iktar mir-rekord irreġistrat ta' sajd biss jekk l-SPRFMO tapprova l-pjan tagħhom li jistadu iktar mir-rekord irreġistrat ta' sajd.

2. L-Istati Membri li ma rreġistrawx qabda jew sforz tas-sajd tal-ħut tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 ma għandhomx jistadu, sakemm l-SPRFMO ma japprovax il-pjan tagħhom li jistadu mingħajr rekord irreġistrat.

## TAQSIMA 5

## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-IATTC

*Artikolu 28*

*Sajd bit-tartarun tal-borża*

1. Is-sajd minn bastimenti bit-tartarun tal-borża għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) u għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*) għandu jkun ipprojbit:

(a) bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tad-29 ta' Lulju u 24:00 tat-8 ta' Ottubru 2018 jew bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tad-9 ta' Novembru 2018 u 24:00 tad-19 ta' Jannar 2019 fiż-żona ddefinita mil-limiti li ġejjin:

– ix-xtut tal-Kontinent Amerikan li jmissu mal-Paċifiku,

– il-lonġitudni 150º W,

– il-latitudni 40º N,

– il-latitudni 40º S;

(b) bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tad-9 ta' Ottubru 2018 u ta' 24:00 tat-8 ta' Novembru 2018 fiż-żona ddefinita mil-limiti li ġejjin:

– il-lonġitudni 96º W,

– il-lonġitudni 110º W,

– il-latitudni 4º N,

– il-latitudni 3º S.

2. Għal kull bastiment tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-perijodu li jkun intgħażel għall-għeluq tas-sajd imsemmi fil-paragrafu 1, qabel l-1 ta' April 2018. Il-bastimenti kollha bit-tartarun tal-borża tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jieqfu mis-sajd bit-tartarun tal-borża fiż-żoni ddefiniti fil-paragrafu 1 matul il-perijodu li jkun intgħażel.

3. Il-bastimenti bit-tartarun tal-borża li jistadu għat-tonn fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC għandhom iżommu abbord u wara jħottu l-art jew jittrażbordaw it-tonn isfar, it-tonn obeż u l-palamit kollu li jkun inqabad.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ħut jitqies li mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem minħabba kwalunkwe raġuni għajr ta' daqs; jew

(b) matul l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed biex jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

*Artikolu 29*

*Irkaptu mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut*

1. Bastiment bit-tartarun tal-borża ma għandux ikollu aktar minn 450 FAD attiv fi kwalunkwe ħin fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC. FAD jitqies attiv meta jiġi skjerat fuq il-baħar, jibda jittrażmetti l-pożizzjoni tiegħu u jkun qed jiġi segwit mill-bastiment, mis-sid jew mill-operatur. FAD għandu jiġi attivat biss abbord bastiment bit-tartarun tal-borża.

2. Bastiment bit-tartarun tal-borża ma jistax jiskjera FADs matul il-15-il jum qabel il-bidu tal-perijodu tal-għeluq magħżul stabbilit fl-Artikolu 28(1)(a) u għandu jirkupra l-istess għadd ta' FADs li jkunu ġew skjerati inizjalment fi żmien 15-il jum qabel il-bidu tal-perijodu tal-għeluq.

3. Ta' kull xahar, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni tagħrif ta' kuljum dwar l-FADs attivi kollha kif meħtieġ mill-IATTC. Ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati b'dewmien ta' mill-anqas 60 jum, iżda mhux aktar minn 75 jum. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dak it-tagħrif lis-Segretarjat tal-IATTC mingħajr dewmien.

*Artikolu 30*

*Limiti tal-qabdiet għat-tonn obeż fl-attivitajiet tas-sajd bil-konz*

Il-qabdiet annwali totali ta' tonn obeż minn bastimenti li jistadu bil-konz ta' kull Stat Membru fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC ma għandhomx jaqbżu l-500 tunnellata metrika jew il-qabdiet annwali rispettivi tagħhom ta' tonn obeż fl-2001.

*Artikolu 31*

*Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi*

1. Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-klieb il-baħar bil-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carharhinus longimanus*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC, u ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti minn karkassa jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi maqbuda f'dik iż-żona.

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari għandhom jinħelsu minnufih mill-operaturi tal-bastiment.

3. L-operaturi tal-bastiment għandhom:

(a) jirreġistraw l-għadd ta' ħut li jinħeles u l-indikazzjoni tal-istatus (mejjet jew ħaj);

(b) jirrappurtaw it-tagħrif speċifikat fil-punt (a) lill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu t-tagħrif miġbur matul is-sena ta' qabel lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar.

*Artikolu 32*

*Projbizzjoni tas-sajd għar-raj tal-qrun*

Għandhom ikunu pprojbiti s-sajd, iż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ jew il-bejgħ ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tar-raj tal-qrun (tal-familja *Mobulidae*, li jinkludu l-ġeneri *Manta* u *Mobula*) mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC. Malli bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jindunaw li nqabdu raja tal-qrun, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom, kull meta dan ikun possibbli, jeħilsuhom minnufih, ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara.

## TAQSIMA 6

## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-SEAFO

*Artikolu 33*

*Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-fond*

Għandu jkun ipprojbit is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO:

– il-gattarell fantażma (*Apristurus manis*),

– il-mazzola tal-fanal Bigelow (*Etmopterus bigelowi*),

– il-mazzola tal-fanal ta' denb qasir (*Etmopterus brachyurus*),

– il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*),

– il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*),

– ir-rebekkini (*Rajidae*),

– il-kelb il-baħar bellusi (*Scymnodon squamulosus*),

– il-kelb il-baħar tal-fond tas-superordni *Selachimorpha*,

– il-mazzola griża (*Squalus acanthias*).

## TAQSIMA 7
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

### *Artikolu 34*
### *Kondizzjonijiet għas-sajd tat-tonna obeża, it-tonna safra, il-palamita u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għadd tal-jiem ta' sajd allokati lill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*), għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), u għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*) fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li jinsabu fl-ibħra internazzjonali bejn 20º N u 20º S ma jaqbiżx l-403 ijiem.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx ikollhom fil-mira l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab fin-Nofsinhar ta' 20° S.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) bil-konzijiet ma jaqbżux l-2 000 tunnellata fl-2018.

### *Artikolu 35*
### *Ġestjoni ta' sajd b'FADs*

1. Fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20º N u 20º S, għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jużaw, iħaddmu jew ipoġġu l-FADs bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tal-1 ta' Lulju 2018 u 24:00 tat-30 ta' Settembru 2018.

2. Minbarra l-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1, għandu jkun projbit li wieħed ipoġġi l-FADs fl-ibħra miftuħa taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC, bejn 20º N u 20º S, għal xahrejn addizzjonali: jew mill-ħin ta' 00:00 tal-1 ta' April 2018 sa 24:00 tal-31 ta' Mejju 2018, jew minn 00:00 tal-1 ta' Novembru 2018 sa 24:00 tal-31 ta' Diċembru 2018. L-għażla għax-xahrejn addizzjonali għandha tiġi notifikata lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Jannar 2018.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) fl-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, jekk il-bastiment ma jkollux spazju suffiċjenti fl-istiva sabiex joqgħod il-ħut kollu;

(b) meta l-ħut ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem minħabba kwalunkwe raġuni għajr ta' daqs; jew

(c) meta t-tagħmir tal-friża jkollu ħsara serja.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ebda wieħed mill-bastimenti tagħhom b'tartarun tal-borża ma jkollu fuq il-baħar, fi kwalunkwe ħin, aktar minn 350 FADs bil-bagi strumentati attivati. Il-baga għandha tiġi attivata biss abbord bastiment.

5. Il-bastimenti kollha bit-tartarun tal-borża li jistadu fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li hija msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iżommu abbord u jħottu l-art jew jittrażbordaw it-tonn obeż, it-tonna safra u l-palamit kollu li jinqabad.

*Artikolu 36*

*Limitazzjonijiet fl-għadd ta' bastimenti tal-Unjoni li huma awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad*

L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad (*Xiphias gladius*) f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20º S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC għandu jkun kif stipulat fl-Anness VII.

*Artikolu 37*

*Limiti tal-qbid għall-pixxispad fis-sajd bil-konz fin-Nofsinhar ta' 20°S*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tal-pixxispad (*Xiphias gladius*) fin-Nofsinhar ta' 20°S minn bastimenti tas-sajd bil-konz fl-2018 ma jaqbżux il-limitu stabbilit fl-Anness IH. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li ma jkun hemm ebda trasferiment fl-isforz tas-sajd għall-pixxispad fiż-żona 'l fuq minn 20°S, bħala riżultat ta' dik il-miżura.

*Artikolu 38*

*Klieb il-baħar ħariri u klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi*

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħżin jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-ispeċijiet li ġejjin fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-WCPFC:

   (a) il-klieb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*),

   (b) il-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*).

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih.

*Artikolu 39*

*Żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC*

1. Il-bastimenti li huma mniżżla esklużivament fir-reġistru tad-WCPFC għandhom japplikaw il-miżuri stipulati f'din it-Taqsima meta jkunu qegħdin jistadu fiż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC, kif definit fl-Artikolu 4(s).

2. Il-bastimenti li huma mniżżla kemm fir-reġistru tad-WCPFC kif ukoll fir-reġistru tal-IATTC u l-bastimenti li huma mniżżla esklużivament fir-reġistru tal-IATTC għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 28(1)(a), (2), (3) u (4) u fl-Artikoli 29, 30 u 31 meta jkunu qegħdin jistadu fiż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC, kif definit fl-Artikolu 4(s).

## TAQSIMA 8

## IŻ-ŻONA TAL-FTEHIM TAL-GFCM

*Artikolu 40*

*L-istokkijiet pelaġiċi żgħar fis-sottożoni ġeografiċi 17 u 18*

1. Qabdiet ta' stokkijiet pelaġiċi żgħar minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 ma għandhomx jaqbżu l-livelli tal-2014, irrappurtati f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011, kif stipulat fl-Anness IL ta' dan ir-Regolament.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkollhom fil-mira speċijiet pelaġiċi żgħar fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 ma għandhomx jaqbżu l-180 jum ta' sajd fis-sena. F'dak it-total ta' 180 jum ta' sajd, għandhom japplikaw żmien massimu ta' 144 jum ta' sajd li jkollu fil-mira s-sardin u żmien massimu ta' 144 jum ta' sajd li jkollu fil-mira l-inċova.

### Taqsima 9

### Il-Baħar Bering

*Artikolu 41*

*Il-projbizzjoni fuq is-sajd fl-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering*

Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-pollakkju (*Theragra chalcogramma*) fl-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering.

# TITOLU III
# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD
# GĦALL-BASTIMENTI TA′ PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

*Artikolu 42*

*It-TACs*

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u l-bastimenti tas-sajd li huma reġistrati fil-Gżejjer Faeroe għandhom ikunu awtorizzati li jwettqu qabdiet fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-limiti tat-TACs stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

*Artikolu 43*

*Awtorizzazzjonijiet tas-sajd*

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni għandu jkun stipulat fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 44*

*Kondizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet aċċessorji*

Il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 7 għandhom japplikaw għall-qabdiet u l-qabdiet aċċessorji tal-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jistadu skont l-awtorizzazzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 43.

*Artikolu 45*

*Projbizzjonijiet*

1. Il-bastimenti ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin kull meta dawn jinsabu fl-ilmijiet tal-Unjoni, milli jżommuhom abbord, milli jittrażbordawhom jew milli jħottuhom l-art:

   (a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*), fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 2a, 3a u 7d tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES;

(b) l-ispeċijiet li ġejjin ta' pixxisega fl-ilmijiet tal-Unjoni:

(i) il-pixxisega rqiqa (*Anoxypristis cuspidata*),

(ii) il-pixxisega nana (*Pristis clavata*),

(iii) il-pixxiserrieq (*Pristis pectinata*),

(iv) il-pixxisega businna (Pristis pristis),

(v) il-pixxisega ħadra (*Pristis zijsron*),

(c) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) u l-kelb il-baħar abjad (*Carcharodon carcharias*) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(d) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES;

(e) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jinqabad bil-konzijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżoni 1, 4, 5, 6, 7, 8, 12 u 14 tal-ICES;

(f) mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżoni 1, 4, 5, 6, 7, 8, 12 u 14 tal-ICES;

(g) il-murruna sewda (*Dalatias licha*), il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calcea*), il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*), il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) u l-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżoni 1, 4 u 14 tal-ICES;

(h) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(i) ir-raja manta tal-iskoll (*Manta alfredi*) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(j) ir-raja manta ġiganta (*Manta birostris*) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(k) l-ispeċijiet li ġejjin ta' raj tal-qrun fl-ilmijiet tal-Unjoni:

(i) il-baqra (*Mobula mobular*),

(ii) ir-raja tal-qrun minuri tal-Guinea (*Mobula rochebrunei*),

(iii) il-mobula denbha xewka (*Mobula japanica*),

(iv) il-mobula denbha lixx (*Mobula thurstoni*),

(v) il-mobula qrunha twal (*Mobula eregoodootenkee*),

(vi) ir-raja tal-qrun ta' Munk (*Mobula munkiana*),

(vii) ir-raja tal-qrun taċ-Ċilì (*Mobula tarapacana*),

(viii) ir-raja tal-qrun tal-ġewnaħ qasir (*Mobula kuhlii*),

(ix) ir-raja tal-qrun minuri (*Mobula hypostoma*);

(l) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

(m) ir-raja tan-Norveġja (*Dipturus nidarosiensis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet tal-ICES 6a, 6b, 7a, 7b, 7c, 7e, 7f, 7g, 7h u 7k;

(n) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6, 9 u 10 tal-ICES u l-ħamiema (*Rostroraja alba*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES;

(o) il-guitarfishes (*Rhinobatidae*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 12 tal-ICES;

(p) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES;

(q) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih.

## TITOLU IV

## OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-2017

*Artikolu 46*

*Emenda għar-Regolament (UE) 2017/127*

It-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun imperjali u l-barbun lixx fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV fl-Anness IA għar-Regolament (UE) 2017/127 tinbidel bit-tabella li ġejja:

| Speċijiet: | Barbun imperjali u barbun lixx<br>*Psetta maxima* u *Scopthalmus rhombus* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV<br>(T/B/2AC4-C) |
|---|---|---|---|
| Belġju | 434 | TAC ta' prekawzjoni | |
| Danimarka | 928 | | |
| Ġermanja | 237 | | |
| Franza | 112 | | |
| Netherlands | 3 291 | | |
| Żvezja | 7 | | |
| Renju Unit | 915 | | |
| Unjoni | 5 924 | | |
| | | | |
| TAC | 5 924 | | |

# TITOLU V
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 47*

*Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 48*

*Dispożizzjoni tranżitorja*

L-Artikolu 9, l-Artikolu 11(2), l-Artikoli 13, 19, 20, 25, 31, 32, 33, 38, 41 u 45 għandhom ikomplu japplikaw, *mutatis mutandis*, fl-2019 sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019.

*Artikolu 49*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Madankollu, l-Artikolu 8 għandu japplika mill-1 ta' Frar 2018 u l-Artikolu 46 għandu japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2017.

Id-dispożizzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd stipulati fl-Artikoli 20, 21 u 22 u fl-Annessi IE u V għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*